

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

#### **Avviż li jemenda l-avviż ta' bidu ta' proċediment anti-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina**

(2021/C 36/10)

Fl-14 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat avviż li jibda investigazzjoni anti-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina <sup>(1)</sup> ("l-Avviż tal-14 ta' Awwissu 2020"). Sussegwentement, xi partijiet interessati għadu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li ċerta kategorija ta' prodotti li għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċijiet NM 7606 11 10 u 7606 12 20 qatt ma kienet maħsuba biex tkun koperta mid-definizzjoni tal-prodott.

Minbarra dan, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni, id-definizzjoni tal-prodotti, għall-użu bħala pannelli tal-body fl-industrija tal-karozzi, li għandhom jiġu esklużi kellha tiġi ċċarata.

Bħala konsegwenza, b'dan il-Kummissjoni qiegħda temenda l-Avviż tal-14 ta' Awwissu 2020 b'mod li jirrifletti l-kamp ta' applikazzjoni kurrenti tal-investigazzjoni li tinsab għaddejja. Aktar informazzjoni tinstab f'nota fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati.

#### **1. Prodott investigat**

Id-definizzjoni tal-prodott investigat fit-Taqsima 2 tal-Avviż tal-14 ta' Awwissu 2020 li ddikjarat li:

"Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huma prodotti tal-aluminju, irrumblati ċatti, illigati jew le, maħdumin iktar jew le ħlief irrumblati ċatti,

- f'koljaturi jew strixxi tal-koljaturi, f'folji maqtugħa għall-qies, jew fil-forma ta' ċrieki; ta' ħxuna ta' 0,2 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 6 mm;
- fi pjanċi ta' ħxuna ta' aktar minn 6 mm;
- f'koljaturi jew fi strixxi tal-koljaturi, ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,03 mm iżda inqas minn 0,2 mm;

("il-prodott investigat").

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

- Stokk tal-parti ċilindrika tal-bottijiet tax-xorb, stokk tat-tarf tal-bottijiet tax-xorb u stokk tal-ħolqa tat-tapp tal-bottijiet tax-xorb kollha tal-aluminju, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 7606 12 11 u 7606 12 19.
- Prodotti tal-aluminju, irrumblati ċatti, illigati, maħdumin aktar jew le ħlief irrumblati ċatti, ta' ħxuna mhux inqas minn 0,2 mm u mhux aktar minn 6 mm, għall-użu bħala pannelli tal-body fl-industrija tal-karozzi, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7606 12 92, ex 7606 12 93, ex 7606 12 99, ex 7606 92 00.
- Prodotti tal-aluminju, irrumblati ċatti, illigati, maħdumin iktar jew le ħlief irrumblati ċatti, ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,8 mm, għall-użu fil-manifattura ta' partijiet tal-ajruplani, li bħalissa jaqgħu fil-kodiċi NM ex 7606 12 92, ex 7606 12 93, ex 7606 12 99, ex 7606 92 00."

<sup>(1)</sup> ĠU C 268, 14.8.2020, p. 5.

L-investigazzjonijiet għibu l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fatt li xi atturi ekonomiċi setgħu mmizinterpretaw il-formulazzjoni tad-deskrizzjoni tal-prodott soġġett għall-investigazzjoni.

tinqara kif ġej:

“Il-prodott soġġett għal din l-investigazzjoni huma prodotti tal-aluminju, irrumblati ċatti, illigati jew le, maħdumin iktar jew le ħlief irrumblati ċatti, bla sostenn, mingħajr saffi interni ta' materjal ieħor,

- f'koljaturi jew strixxi tal-koljaturi, f'folji maqtugħa għall-qies, jew fil-forma ta' ċrieki; ta' ħxuna ta' 0,2 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 6 mm;
- fi pjanċi ta' ħxuna ta' aktar minn 6 mm;
- f'koljaturi jew fi strixxi tal-koljaturi, ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,03 mm iżda inqas minn 0,2 mm;

(“il-prodott investigat”).

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

- Stokk tal-parti ċilindrika tal-bottijiet tax-xorb, stokk tat-tarf tal-bottijiet tax-xorb u stokk tal-ħolqa tat-tapp tal-bottijiet tax-xorb kollha tal-aluminju.
- Prodotti tal-aluminju, irrumblati ċatti, illigati, kemm jekk ipproċessati aktar minn irrumblati ċatti jew le, ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,2 mm u mhux aktar minn 6 mm, għall-użu bħala pannelli tal-body fl-industrija tal-karozzi.
- Prodotti tal-aluminju, irrumblati ċatti, illigati, kemm jekk ipproċessati aktar minn irrumblati ċatti jew le, ta' ħxuna ta' mhux inqas minn 0,8 mm, għall-użu fil-manifattura ta' partijiet tal-inġenji tal-ajru.”

## 2. Kjarifika dwar il-kodiċi NM

Ir-referenza għan-NM u għall-kodiċi TARIC, li nġatat biss għal informazzjoni fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima 3 tal-Avviż tal-14 ta' Awwissu 2020 li tiddikjara li:

“Il-prodott li allegatament huwa oġġett ta' dumping huwa l-prodott investigat, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina (“ir-RPĊ” jew “il-pajjiż ikkonċernat”) bħalissa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM 7606 11 10, 7606 11 91, 7606 11 93, 7606 11 99, 7606 12 20, ex 7606 12 92 (il-kodiċi TARIC 7606 12 92 95), ex 7606 12 93 (il-kodiċi TARIC 7606 12 93 86), ex 7606 12 99 (il-kodiċijiet TARIC 7606 12 99 25 u 7606 12 99 86), 7606 91 00, ex 7606 92 00 (il-kodiċi TARIC 7606 92 00 86) u ex 7607 11 90 (il-kodiċijiet TARIC 7607 11 90 44, 7607 11 90 48, 7607 11 90 51, 7607 11 90 53, 7607 11 90 60, 7607 11 90 71, 7607 11 90 73, 7607 11 90 75, 7607 11 90 77, 7607 11 90 91, 7607 11 90 93). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss.”

tinqara kif ġej:

“Il-prodott li allegatament huwa oġġett ta' dumping huwa l-prodott investigat, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina (“ir-RPĊ” jew “il-pajjiż ikkonċernat”) bħalissa kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM ex 7606 11 10 (il-kodiċijiet TARIC 7606 11 10 25, 7606 11 10 86), ex 7606 11 91 (il-kodiċijiet TARIC 7606 11 91 25, 7606 11 91 86), ex 7606 11 93 (il-kodiċijiet TARIC 7606 11 93 25, 7606 11 93 86), ex 7606 11 99 (il-kodiċijiet TARIC 7606 11 99 25, 7606 11 99 86), ex 7606 12 20 (il-kodiċijiet TARIC 7606 12 20 25, 7606 12 20 86), ex 7606 12 92 (il-kodiċijiet TARIC 7606 12 92 25, 7606 12 92 95), ex 7606 12 93 (il-kodiċi TARIC 7606 12 93 86), ex 7606 12 99 (il-kodiċijiet TARIC 7606 12 99 25 u 7606 12 99 86), ex 7606 91 00 (il-kodiċijiet TARIC 7606 91 00 25, 7606 91 00 86), ex 7606 92 00 (il-kodiċijiet TARIC 7606 92 00 25, 7606 92 00 86), ex 7607 11 90 (il-kodiċijiet TARIC 7607 11 90 44, 7607 11 90 48, 7607 11 90 51, 7607 11 90 53, 7607 11 90 65, 7607 11 90 71, 7607 11 90 73, 7607 11 90 75, 7607 11 90 77, 7607 11 90 91, 7607 11 90 93) u ex 7607 19 90 (il-kodiċijiet TARIC 7607 19 90 75, 7607 19 90 86). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma mogħtija għall-informazzjoni biss.”